# Beati u Qaddisin...Jannar

## SAN PORFIRJU

## 26 TA' FRAR

Ta' 25 sena Porfirju li kien bniedem sinjur jghix fit-Tessalonika, halla d-dinja biex imur jghix ta' eremita f'wahda mid-djar religjuzi gewwa d-dezert ta' Scete'. Hawn ghex ghal hames snin u billi hass is-sejha li jghaddi hajja aktar fis-silenzju huwa rtira gewwa l-Palestina fejn



ghadda zmien f'penitenzi kbar sakemm sahhtu obbligatu li jnaqqas minn dawn il-penitenzi horox. Huwa waqqaf daru fil-Palestina mnejn kien izuru l-postijiet imqaddsa kull jum.

Fuq hsieb qaddis imnebbah minn Alla, huwa biegh kull ma kellu u qassmu fost il-foqra u bhala rigal rega' ha sahhtu mill-gdid. Fis-sena 393 huwa gie ordnat sacerdot u kellu responsabilta' li jhares ir-relikwiji tas-Salib Imqaddes.

Tlett snin wara kontra kull xewqa tieghu huwa gie kkonsagrat isqof ta' Gaza. Dik il-belt kienet bejta ta' paganezmu u Porfirju sab okazzjoni biex jezercita l-appostolat tieghu. Hafna kkonvertew minhabba l-mirakli li wettaq. Editt imperjali biex ikunu meqruda t-tempji ta' l-allat foloz, li gie fis-sehh bis-sahha ta' San Gwann Krisostmu ghenu hafna biex il-missjoni tieghu taghmel aktar gid fost il-popli.

Meta San Porfirju mar ghal l-ewwel darba f'Gaza sab tempju aktar sabih mill-ohrajn dedikat lil alla falz, kap ta' l-allat l-ohra. Meta hareg l-editt ghall-qerda tal-qima lejn allat foloz, San Porfirju kien determinat li jumilja lil Satana billi dan kien jircievi qima specjali

mill-pagani. Inqered it-tempju u floku nbema' iehor Kristjan u t-trieq li kienet tiehu ghalih giet imwittija bl-irham minn dan it-tempju pagan. B'hekk kull bniedem aduratur ta' Gesu' Kristu kien jirfes u jimxi fuq il-fdalijiet ta' l-idolatrija u superstizzjonijiet kull darba li jidhol biex jisma' il-quddiesa. Huwa ghex sas-sena 420 meta l-idolatrija kienet kwazi meqruda mid-djocesi tieghu.

Nitolbu lil San Porfirju biex idawwal lil dawk li jaghmlu allat taghhom dak li hu ta' bla siwi.